Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 416/2014/1

**Patrick Dalli (appellat)**

**Vs**

**Caroline Muscat (appellant)**

8 ta' Marzu, 2019.

1. B'sentenza tal-5 ta' Lulju, 2018 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabet lill-konvenuta hatja ta' malafama u kkundannatha thallas is-somma ta' tmint elef ewro (€8,000) fir-rigward ta' erba' artikli ppubblikati fis-sit timesofmalta.com bit-titlu:

- *Minister's husband has no knowledge of illegal work,* 13 ta' Novembru, 2014;
- *Zejtun property not in Helena Dalli's assets lists,* 16 ta' Novembru, 2014;
- *No easy way to find the assets of Minister Dalli,* 23 ta' Novembru, 2014*;*
- *MEPA commission broke law on Dalli,* 29 ta' Novembru, 2014.

2. Fis-sentenza l-ewwel qorti qalet:

> *"Applikati tali principji ghall-kaz odjern w il-kummenti illi dwaru hass ruhu aggravat ir-rikorrent fil- kawza odjerna, il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi, a differenza ta' dak allegat mill-intimata:*
>
> *• ma kienu qed isiru ebda xogholijet illegali fuq il-farmhouse allegatament propjeta tal-kumpannija Pada Builders Limited,*
>
> *• il-farmhouse attwalment kienet ta' Jason Desira, u mhux tar-rikorrent, kif del resto ikkonferma pubblikament l-istess Jason Desira waqt konferenza stampa illi kien ghamel Ryan Callus u li giet rappurtata fuq is-sit elettroniku www.timesofmalta.com fl-14 ta' Novembru 2014, fuq riprodotta*
>
> *• ma kien hemm ebda assi "mohbija" fil-varji kumpanniji tar-rikorrent, peress illi l-assi huma kollha registrati u facilment rintraccjabli fir-Registru Pubbliku*
>
> *• ma kien hemm ebda kontroversja dwar il-propjeta, izda l-kontroversja holqitha l-intimata bis-serje ta' artikoli taghha.*
>
> *Huwa car illi fil-kaz odjern, l-intimata artikolista kellha kull intenzjoni illi thammeg ir-reputazzjoni tar-rikorrenti u tirrekalu dannu, tant illi fl-24 ta' Frar 2015 il-MEPA cahdet il-permess "to sanction alterations and extension of existing farmhouse" u kien akkordat biss wara illi r-rikorrent appella minn tali decizjoni, fejn, inter alia qal is-segwenti: (fol 125)*

*"Illi l-appellant jinsab ferm preokkupat, il-ghaliex huwa qed jikkontendi illi l-motivazzjoni wara c-cahda kienet biss spinta minn konsiderazzjonjiet li m'ghandhom x'jaqsmu xejn ma' ippjanar u li inholqu minhabba agenda politika ta'xi whus, inkluz mezzi tal-media;*

*Illi jidher car illi min ta' d-decizjoni ta' cahda, ikkundizzjoni rugu sfortunatement mill- pressjoni tal-media;*

*Illi jekk dan huwa l-kaz, allura l-kwistjoni hija serja hafna, il-ghaliex huwa kundannabbli u deplorabbli illi persuna li jkollha applikazzjoni ghall zvilupp, litkun korretta u addirittura rakkomandata ma tintlaqas it-talba taghha bl-aktar mod ingust, minhabba konsiderazzjonijiet li jmorru lil hinn mill-istituzzjoni tal-MEPA u li jsiru biss biex jissodisfaw l-ghatx ta' min, il-hsibijiet tieghu huma biss, li jaghmel hsara lill appellant, semplicement ghaliex martu hija persona involuta u attiva fil-politika"*

*Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi ghalkemm r-rikorrent huwa mizzewweg lill-persuna pubblika, ossija Ministru tal-Gvern, dana ma jfissirx illi huwa ghandu jigi ttrattat bhala persuna politika u, ghalhekk, kritikata u soggetta ghal skrutinju fir-reqqa bhal persuna fil-politika – il-fatt li martu ghazlet it-triq tal-politika ma ghandhiex titqies bhala sentenza ta' kundanna ghar-rikorrent fejn, minn dakinhar li saret politiku 'l quddiem, huwa ma jista jaghmel xejn fil-hajja tieghu minghajr ma jigi skrutinizzat fir-reqqa u espost fil-pubbliku.*

*Il-Qrati, filwaqt illi ghandhom jipprotegu lill-gurnalisti meta jinvestigaw u johrogu ghall-iskrutinju ta' kullhadd informazzjoni dwar agir ta' persuni pubblici fil-politika, ghandhom ukoll jipprotegu lill cittadini privati illi l-unika "htija" taghhom tkun illi huma mizzegwin ma' persuna fil-politika.*

*Il-Qorti tinsisti illi tali persuni privati ghandhom id-dritt illi jigu protetti minn indhil zejjed u allegazzjonijiet fiergha illi jsiru mill-gurnalisti u mezzi tax-xandir, liema attakki ikunu intizi unikament sabiex jattakaw indirettament lill-konjugi taghhom li jkunu fil-politika w il-Qrati ghandhom id-dover illi jaghtuhom lill dawna l-persuni privati l-protezzjoni kollha illi jehtigilhom, u dana kemm sabiex jipprotegi tali persuni u, aktar u aktar, sabiex jigi assikurat illi l-pajjiz jibqa jkollu persuni illi jaghzlu illi jissagrifikaw il-hajja privata taghhom u jidhlu fil-hajja pubblika minghajr il-biza illi ser ikaxkru maghhom fl-arena qalila u kiefra tal-politika lill-konjugi w it-tfal taghhom.*

*Il-familja ta' persuni fil-politika ma ghandhom qatt jituzaw bhala arma mill-gurnalisti u mezzi ta' xandir kontra l-persuni illi johorgu ghal politika.*

3. B'rikors prezentat fl-24 ta' Lulju, 2018 il-konvenuta appellat mis-sentenza fejn fost'affarijiet ohra ilmentat li l-ewwel qorti naqset milli tiddeciedi l-kawza a bazi ta' dawk il-brani mill-artikli li l-attur iddikjara li kien qieghed jilmenta dwarhom bhala li kien vittma ta' malafama. Ladarba l-attur iddikjara li s-siltiet mill-artikli li kienu malafamanti, allura l-kawza kellha tissokta skont dawk il-parametri li stabbilixxa l-attur. Imbaghad kompliet biex tikktritika s-sentenza minhabba li dak li kienet kitbet kienu fatti veri u l-kummenti kienu legittimi. Il-konvenuta kkrittikat is-sentenza ghaliex ikkonkludiet li ma kienx sar xoghol illegali fil-fond meta l-provi juru mod iehor, kif ukoll qieset bhala fatt dak li ma kienx.

4. Fit-22 ta' Awissu, 2018 l-attur wiegeb u ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jkun michud. Il-konvenut argumenta li l-appell tal-konvenuta hu bazat fuq kwistjoni ta' apprezzament ta' fatt u ghalhekk din il-qorti m'ghandhiex tiddisturba dak li ddecidiet l-ewwel qorti. Kompla jargumenta li l-pern tal-kitbiet kien dak, b'mod dirett u indirett permezz ta' innuendos, li l-attur jaqla' flejjes kbar bil-kumpanniji li kellu u li l-qliegh kien qieghed jaghmlu billi kien qed jithalla jabbuza mill-MEPA ghaliex mizzewweg lil Onorevoli Helena Dalli.

5. Il-qorti qrat l-artikli li huma oggett tal-kawza u ser tikkummenta dwar kull wiehed minnhom.

6. Fl-ewwel lok il-qorti taqbel mar-ragunament tal-konvenuta li gialadarba l-konvenut identifika liema kienu dawk il-partijiet tal-artikli li bihom hassu li kien vittma ta' malafama (ara verbal tat-23 ta' Marzu, 2015 u dak li xehed fl-istess seduta), kellha tindirizza l-ilment kif spjegat mill-attur stess. L-ewwel qorti stess fis-sentenza (ara parti preliminari) indikat dawk il-partijiet tal-artikli li kitbet il-konvenuta, li l-attur iddikjara li huma libelluzi. Fil-fatt fis-sentenza jidhru in bold u l-kliem *'sottolinejar tar-rikorrent'*.

7. Fit-tieni lok il-qorti taf li apprezzament ta' provi li jsir mill-ewwel qorti m'ghandux facilment jitwarrab. Pero' ghandha d-dmir li terga' tezamina l-provi li jkunu tressqu quddiem l-ewwel qorti sabiex tiddetermina jekk sarux zbalji li ma kellhomx isiru.

8. Dwar il-meritu l-qorti tirreferi ghal dawn il-fatti l-iktar saljenti:

   8.1 Il-fond 13, Triq San Tumas, Zejtun kien proprjeta ta' Pada Builders Limited, li ghaliha jidher l-attur li flimkien ma' martu l-Ministru Helena Dalli hu sid ta' 99% tal-ishma fil-kumpannija;

   8.2 Fis-sena 2011 l-Awtorita tal-Ippjanar harget *Enforcement order* kontra l-attur minhabba li:

   > *"Ghandek zvilupp mhux skont il-permess PA 5875/01 datat 20 ta' Mejju, 2003 u dan billi nbidel l-uzu ta' kamra tas-sodda (Bedroom 2) u nbena tarag mis-sular ta' isfel ghal fuq il-bejt. Sar skavar estensiv fil-partijiet tal-gonna (paved area) u taht il-kamra tas-salott biex b'hekk nholoq basement garage li gie msaqqaf bil-planki tal-konkos nbena 'swimming pool' li huwa ikbar u b'kunfigurazzjoni differenti minn dak approvat nbena hajt tal-franka gholi tmien filati minflok tas-sejjiegh immarkat elevation B fuq wara tas-sit nbena hajt tal-appogg fuq in-naha ta' wara tas-sit immarkat Sec B-B fil-pjanti approvati gholi iktar minn 1.2m inbniet il-kamra tal-hasil (washroom) fil-livell tal-bejt ikbar milli approvata nfethet bokka (skylight) u nbnew zewgt ikmamar u kuritur fil-livell tal-bejt".*

   8.3 Fl-4 ta' Jannar, 2012 l-attur ghan-nom ta' Pada Builders Limited kien iffirma konvenju ghall-bejgh tal-fond lil Jason Desira (fol. 79 tal-kawza 415/14). Konvenju li baqa' jiggedded ghal numru ta' snin;

8.4 Fit-22 ta' Dicembru, 2012 l-attur kien applika lill-Awtorita tal-Ippjanar, *"To sanction alterations and extension of existing farmhouse"* (numru PA/03103/12). Sad-dati li fihom kienu pubblikati l-artikli, kien ghad ma harigx permess ta' zvilupp fuq dik l-applikazzjoni. Ir-rakkomandazzjoni tal-*case officer* kienet *refusal;*

8.5 Granet qabel l-ewwel artiklu tat-13 ta' Novembru, 2014, Kurt Sansone li dak iz-zmien kien gurnalist ta' Times of Malta, kien ghaddej minn hdejn il-fond u ra zewg haddiema fuq il-bejt. Hu kkonkluda li kien qieghed isir xoghol.

8.6 L-applikazzjoni tal-attur kienet michuda u fis-16 ta' Marzu, 2015 appella. Fil-25 ta' Frar, 2016 it-Tribunal laqa' l-appell u ddecieda, *"... ihassar ir-rifjut tal-permess ghall-izvilupp, u jordna lill-appellant sabiex fi zmien tletin gurnata mid-data ta' din id-decizjon jhallas il-multa ta' Eur2,329 u jipprezenta pjanti godda li juru t-tnehhija tal-paving mill-bitha u minflok jigi ndikat it-thawwil ta' sigar"*.

8.7 Fl-20 ta' Novembru, 2015 Pada Builders Limited u Jason Desira ffirmaw il-kuntratt ta' bejgh.

8.8 Fis-17 ta' Awissu, 2016 l-Awtorita tal-Ippjanar harget permess ta' zvilupp f'isem Jason Desira fir-rigward tal-fond fuq imsemmi, *"To sanction alterations and extension of existing farmhouse"*.

9. Fis-seduta tat-23 ta' Marzu, 2015 gie ddikjarat (fol. 15):

> ***"Ir-rikorrenti jaqbel illi l-partijiet li hu jallega li huma malafamanti fl-artikli minnu ezebiti huma ndikati b'kaxex immarkati mill-Qorti stess b'linka".***

10. L-International Federation of Journalists li hi l-ikbar organizazzjoni li tirraprezenta mijiet ta' eluf ta' gurnalisti u mwaqqfa fl-1926, ghandha l-Bordeaux Declaration tal-1954. Dikjarazzjoni li tistabbilixi d-dmirijiet ta' gurnalist fil-qadi ta' dmirijietu, fosthom:

> *"1. **Respect for truth** and for the right of the public to truth is the first duty of the journalist".*

11. **L-ewwel artiklu** pubblikat fit-13 ta' Novembru, 2014 bit-titlu *"Minister's husband 'has no knowledge of illegal work'"*.

11.1 Fis-seduta tat-23 ta' Marzu, 2015 l-attur xehed li *"... l-ewwel tliet paragrafi ta' dan l-artikolu li jiena nhossni malafamat bihom"*. Il-parti mmarkata mill-qorti bil-blu hi dik in kwistjoni:

> *"Work continues on a farmhouse in Zejtun served an enforcement notice because of infringements but developer Patrick Dalli claims he has no idea workers are on site.*

*Work has been proceeding on the site for at least a week but Mr Dalli, husband of Consumer Affairs Minister Helena Dalli, told Times of Malta he had no knowledge of it. Mr Dalli questioned whether he was being singled out because of who he was.*

*'to tell you the truth I didn't know I had workmen on site.*

*I had signed a promise of sale agreement on that property so I haven't paid attention' "*.

11.2 M'hemmx dubju li dak l-artiklu inkiteb ghaliex il-konvenut hu mizzewweg lill-Ministru Helena Dalli li fid-dikjarazzjoni tal-assi iddikjarat li ghandha 99% *shareholding* fil-kumpannija PADA Builders Ltd.

11.3 Gie stabbilit li meta nkiteb l-artiklu l-fond kien proprjeta ta' Pada Builders Limited, bil-maggoranza assoluta tal-ishma jkunu proprjeta tal-attur u martu.

11.4 Pada Builders Limited akkwistat il-fond b'zewg kuntratti, wiehed tas-26 ta' Lulju 1994 u iehor tas-6 ta' Dicembru, 1997.

11.5 Snin qabel il-pubblikazzjoni tal-artikli fil-fond kien sar bini minghajr permess ta' zvilupp. Zvilupp li jidher li kien sar mill-attur. Fil-fatt fid-decizjoni tat-Tribunal kien osservat, *"Illi dan l-appell jirrigwarda l-issanar ta'* ***alterazzjonijiet tibdil u zidiet f'dar residenzjali <u>mibnja wara l-hrug tal-permess PA5875/01 favur is-Sur Patrick Dalli</u>****, illum l-appellant, fl-20 ta' Mejju 2003"*. Fil-fatt fis-sena 2011 l-Awtorita tal-Ippjanar harget *enforcement order* minhabba li fil-fond kien sar zvilupp li ma kienx konformi mal-permess PA5875/01 li hareg f'isem l-attur. Sussegwentement, l-attur applika biex jirregolarizza l-izvilupp illegali li kien sar fil-fond (PA/03103/12 tat-22 ta' Dicembru, 2012).

11.6 Jason Desira, il-persuna li eventwalment xtara l-fond, xehed li meta saret il-pubblikazzjoni:

*".... fix-xitwa kienet qed issir hsara kbira fuq il-bini jigifieri; u li kont qed naghmel mill-bjut kien qed jaqa' hafna ilma u l-gebel gie zibel bil-hdura u hekk u ghidt* ***ha nkahhal il-bitha ta' wara fejn rawhom jigifieri dakinhar, u kont ser naghmel il-katusi.*** *Dak li kont ser naghmel"* (fol.31).

Zied li lill-attur ma kienx infurmah b'dak li kien qieghed jaghmel fil-fond, u li kien ukoll waddab hamrija fil-fond li kien garr minn fond li kien ta' ohtu. Kurt Sansone stess xehed li kien ghadda ma' gemb il-proprjeta u ra zewg haddiema qeghdin fuq il-bejt tal-fond. Kompla, *"... smajt ukoll qisu tismir, qisu xi hadd qed isammar mal-gebla. It was audible igifieri"*. Mela hemm prova li kien qieghed isir xoghol.

11.7 Fir-ritratt li hemm mal-artiklu jidhru ingenji, bhall-*bobcat* u trakk. Fihom infushom dawk ukoll setghu taw wiehed x'jifhem li fis-sit, li kien ghadu *work in progress*, kien ghaddej xi xoghol.

11.8 Mid-deposizzjoni ta' Jason Desira u wkoll ta' Kurt Sansone hu evidenti li fiz-zmien in kwistjoni kien qieghed isir xi xoghol. Pero' m'hemmx prova li kien qieghed isir bini.

11.9 Min-naha l-ohra dak li kitbet il-konvenuta fil-kaxxa mmarkata bil-kulur blu mhu xejn ghajr fatti li rrizultaw li huma veri. Fil-fatt hu veru li:

i. Meta kien pubblikat l-artiklu, kien qieghed isir xoghol fil-fond;
ii. Fuq il-fond kien hemm *enforcement notice;*
iii. Il-konvenuta kienet tkellmet mal-attur;

11.10 Hekk ukoll huma veri fatti ohra li ssemmew fl-artiklu cjoe' li:

i. Kien sar zvilupp illegali fil-fond;
ii. Ighid x'kien l-izvilupp illegali li kien sar;
iii. Saret applikazzjoni *to sanction* dak l-izvilupp;
iv. Il-fond kien f'*Outside Development Zone*;
v. Il-*case officer* tal-Awtorita tal-Ippjanar kien irrakomanda *'refusal';*

11.11 Imbaghad hemm it-titlu tal-artiklu li pero' meta xehed l-attur ma nkludihx bhala parti li *"jiena nhossni malafamat bihom"*. F'kull kaz it-titlu jaqra: ***"Minister's husband 'has no knowledge of illegal work'"***. Mela qieghed jinghata x'jifhem li kien qieghed isir xoghol illegali fil-fond. Din kienet wahda mid-dikjarazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti sabiex tiddeciedi li l-attur kien vittma ta' malafama. F'dan il-kuntest irrizulta li Sansone xehed li kien ra haddiema jahdmu fuq il-bejt tal-fond. Bejt li fuqu, skont l-*enforcement order* li harget l-Awtorita tal-Ippjanar EC/00563/11, kienet:

*"nbniet il-kamra tal-hasil (washroom) fil-livell tal-bejt ikbar milli approvata nfethet bokka (skylight) u nbnew zewgt ikmamar u kuritur fil-livell tal-bejt"*.

Fir-rapport tal-*case officer* jinghad li fil-*first floor*, fejn suppost inbniet washroom b'kejl superficjali ta' 30 metri kwadri, *"... the farmhouse has been built with a first floor level havin an area of approx. 100sqm, now accomodating a bedroom and a bathroom instead"*. Fid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar jinghad li fil-permess ta' zvilupp 5875/01 (hareg f'isem l-attur) il-floorspace approvat kien ta' madwar 245 metri kwadri, *"... b'footprint ta' madwar 215 metru kwadru, b'kamra u stairwell fl-ewwel sular b'madwar 30 metru kwadru... "*. Kompla josserva, *"Illi originarjament, l-applikazzjoni odjerna kienet tinkludi l-issanar ta' bini b'madwar 365 metru kwadru, b'footprint ta' madwar 265 metru kwadru u kmamar abitabbli fl-ewwel*

*sular b'madwar 100 metru kwadru ta' floorspace.* ***Ghaldaqstant, jirrizulta zieda ta' floorspace fuq il-permess precedenti ta' madwar 120 metri kwadru****".* Fatt li jkompli jikkonferma li l-irregolaritajiet li saru wara l-hrug tal-permess 5875/01, ovvjament qabel l-applikazzjoni 2103/12 ghal *sanctioning*, kienu sostanzjali.

11.12 Li wiehed jifhem li hu illegali xoghol li qieghed isir fuq bejt ta' strutturi li l-parti l-kbira taghhom kienu inbnew illegalment, m'huwiex barra minn loku. Jekk zvilupp isir bla permess ta' zvilupp jew mhux skont il-permess ta' zvilupp, wiehed ragonevolment jistenna li ma jsirx iktar xoghol fuqu diment li jkun ghadu milqut minn Avviz ta' Twettiq. Il-ligi stess kienet fiz-zmien rilevanti tipprovdi ghall-hrug ta' Avviz ta' Waqfien u Twettieq, u l-effett kellu jkun il-waqfien ta' aktar xoghlijiet jew zvilupp fl-imsemmi fond (ara artikolu 86 tal-Kap. 504).

11.13 L-istess irrizulta li kien qieghed isir xoghol fuq il-hitan ta' barra. Ovvjament it-tqeghid ta' hamrija fis-sit ma komplitx tghin ghaliex kompliet taghti wiehed x'jifhem li minkejja l-*enforcement order*, ix-xoghlijiet kienu qeghdin jitkomplew. Dan iktar u iktar meta tqies li minn barra kienu jidhru ingenji fil-proprjeta.

11.14 Fis-sentenza l-ewwel qorti qalet li l-konvenuta stess fl-artiklu li ppubblikat fit-23 ta' Novembru, 2014 kienet semmiet li l-MEPA kienet infurmat lil The Sunday Times of Malta li kienet saret spezzjoni fis-sit u *"no further development works took place following the issuing of enforcement notice".* Pero' xoghol zgur li kien qieghed isir kif irrizulta mir-ritratt li juri haddiema qieghed fuq falakki tal-injam li jidher li kien qieghed ikahhal fili tal-bini minn barra, xhieda ta' Kurt Sansone u Jason Desira. Accennat ukoll ghall-fatt li l-konvenuta ma harrkitx rapprezentant tal-Awtorita tal-Ippjanar sabiex, *"... tigi konfermata jew kontestata tali asserzjoni lilha dikjarata u minnha rappurtata fit-23 ta' Novembru, 2014".* Fl-ewwel lok jekk kellu jkun hemm xi hadd li kellu interess li harrek rapprezentant tal-Awtorita tal-Ippjanar dwar l-allegata *on site inspection* li suppost saret, kellu jkun l-attur. Minn liema xhud seta' jaghti prova jekk ix-xoghol li hemm provi li kien qieghed isir, setax isir minkejja li kien hemm *enforcement notice*. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra x'ighid l-artikolu 86 tal-Kap. 504.

11.15 Ighid x'ighid l-attur, kien hemm zvilupp illegali sostanzjali li sar minnu snin qabel ma nkitbu l-artikli. Zvilupp li hu stess irrikonoxxa li kien irregolari tant li applika f'ismu mal-Awtorita tal-Ippjanar sabiex jirregolarizza dak l-izvilupp. Madankollu irrizulta li f'Novembru 2014 ix-xoghol ma kienx qieghed isir mill-attur izda mill-persuna li kellha konvenju ghax-xiri tal-fond. Il-konvenuta rraportat x'qalilha l-attur inkluz li kien iffirma konvenju ghall-bejgh tal-fond. Il-konvenuta ma kitbitx li x-xoghol kien qieghed isir mill-attur, u anzi rraportat li l-attur kien qalilha li kellu konvenju sabiex ibiegh il-fond u li ma kienx jaf li kien qieghed isir xoghol fil-fond. Dan ma kienx kaz fejn il-gurnalista

qabdet u ppubblikat fatti minghajr qabel ma tkellmet mal-persuna kkoncernata u tatha l-opportunita' li tispjega.

11.16 Id-dikjarazzjoni li l-attur kien ighix vicin ghal dak il-fond, hu fatt li ma giex kontestat. Il-konvenuta ma kkummentatx u ovvjament halliet lill-qarrejja jaslu ghall-konkluzjoni taghhom dwar jekk l-attur kellux jitwemmen li ma kienx jaf li qieghed isir xoghol fil-fond.

11.17 Fic-cirkostanzi l-qorti tikkonkludi li l-fatti rapportati fl-artiklu huma sostanzjalment veri u m'hemmx bazi sabiex jigi ddikjarat li saret malafama b'dak li kitbet il-konvenuta.

11.18 Il-qorti zzid li f'kull kaz ma tistax taqbel li saret malafama lill-attur bil-kliem '*"Minister's husband 'has no knowledge of **illegal work**"*'. Apparti l-fatt li ma kitbitx li x-xoghol kien qieghed jaghmlu l-attur, b'dawk il-kliem l-attur ma setax sofra hsara lir-reputazzjoni tieghu meta snin qabel kien hu stess li ghamel zvilupp konsiderevoli fil-fond u li ma kienx konformi mal-permess ta' zvilupp PA5875/01. Zvilupp illegali li kien ifisser, skont ir-rapport tal-*case officer* tal-Awtorita tal-Ippjanar, bini bi *floor space* ta' xejn inqas minn 120 metri kwadri iktar minn dak approvat fl-imsemmi permess ta' zvilupp. Dan minkejja li l-fond kien barra miz-zona ta' zvilupp. Hu evidenti li meta l-attur originarjament ghamel dak l-izvilupp kollu bla permess ma qaghadx jinkwieta ghar-reputazzjoni tieghu u ta' martu li kienet membru fil-Kamra tad-Deputati u ghalhekk xorta persuna pubblika. Ghaldaqstant u f'kull kaz, maghmula din il-konsiderazzjoni l-attur m'ghandux jedd jilmenta li bil-kliem *'illegal work'* sofra hsara lir-reputazzjoni tieghu meta hu stess snin qabel kien ghamel zvilupp illegali ghaliex ma kienx inkluz fil-permess ta' zvilupp li kien inghata mill-Awtorita tal-Ippjanar. Il-protezzjoni ghar-reputazzjoni li wiehed ma jaghmilx xoghol illegali ma tinghatax lil min bl-agir tieghu fl-istess fond ikun ghamel mod iehor. Ovvjament l-attur ma kienx l-ewwel zviluppatur u lanqas l-ahhar wiehed li bena bini li ma kienx kopert bil-permess ta' zvilupp li tatu l-Awtorita tal-Ippjanar. Pero' mbaghad ma jistax jilmenta.

12. **It-tieni artiklu** pubblikat fit-23 ta' Novembru, 2014 bit-titlu *"No easy way to find the assets of minister Dalli"*.

12.1 F'dan it-tieni artiklu l-partijiet immarkati bil-blu jaqraw:

*"When this newspaper revealed that works were being carried out on her Zejtun property on which Mepa had served an enforcement notice in 2011, Dr Dalli said she was not aware of the works even though the property stands a few metres from where she resides.*

*The vehicles on site while **illegal works were ongoing** belong to Pada Builders Limited. The minister said a promise of sale agreement had been made on the farmhouse and therefore she was not responsible......*

*As to the machinery on site, the Prime Minister said there was an engineer's report confirming that this machinery was inoperable and had been dumped on site. The engineer's report has not been made public.*

*Meanwhile a Mepa spokesman told the Sunday Times of Malta that a site inspection showed 'no further development works took place following the issuing of enforcement notice", despite the evidence reporte".*

12.2 Issir l-istess konsiderazzjoni bhal dik li saret fil-paragrafu precedenti. Ghall-kumplament il-qorti ma ssib xejn irregolari f'dak li nkiteb u li dwaru qieghed jilmenta l-attur. Hu fatt li fis-sit kien hemm ingenji, li jidher li kienu ta' PADA Builders Limited. Ovvjament il-konvenuta ma kinitx taf jekk dawk l-ingenji kinux jahdmu jew kellhomx hsara. Il-fatt jibqa' li hemm kienu.

12.3 Inoltre pjuttost mill-attur, f'dak l-artiklu taht il-lenti ta' kritika kienet il-Ministru Dalli u t-taghrif li kien hemm fid-dikjarazzjoni tal-assi li pprezentat bhala membru tal-Kamra tad-Deputati.

13. **It-tielet artiklu** kien pubblikat fis-16 ta' Novembru, 2014 bit-titlu *"Zejtun property not in Helena Dalli's assets list"*.

13.1 Il-parti mmarkata bil-blu li l-attur indika li hi malafamanti taqra, *"However, this newspaper revealed last Thursday that works on the property were continuing"*. Mill-provi rrizulta li fiz-zmien li nkiteb l-artiklu kien qieghed isir xoghol fil-fond milqut minn *enforcement notice* mahrug mill-Awtorita tal-Ippjanar.

13.2 F'dan l-artiklu l-qorti ma tista' ssib xejn malafamanti li ntqal fil-konfront tal-attur. Hu minnu li ntqal li qeghdin jintuzaw ingenji ta' PADA Builders Ltd u fil-fatt m'hemmx provi li kienu qeghdin jintuzaw dawk l-ingenji tal-kumpannija li kienu *on site*. Pero' fir-ritratt stess jidhru xi ingenji li jaghtu wiehed x'jifhem li qeghdin hemm biex jintuzaw.

14. **Ir-raba' artiklu** ghandu t-titlu *"Mepa commission 'broke law' on Dalli"*, tad-29 ta' Novembru, 2014.

14.1 Il-partijiet immarkati bil-blu li dwarhom qieghed jilmenta l-attur huma:

*"It has been at the centre of a controversy after this newspaper revealed work was being carried out on the site that was served with an enforcement notice due to a list of illegalities.....*

*'The commission heard and acted on this case despite the scandal widely reported"*.

14.2 Il-qorti ma ssib xejn malafamanti f'dik il-parti tal-artiklu fejn gie rapportat x'kien qal l-Onorevoli Ryan Callus, kelliem tal-Opposizzjoni dwar l-Ambjent, dwar seduta li saret quddiem Kummissjoni tal-Awtorita li kienet qeghda tikkunsidra l-applikazzjoni tal-attur sabiex jirregolarizza

l-izvilupp illegali li kien sar snin qabel fil-fond. Hu evidenti li l-kaz kien qajjem dibattitu pubbliku u l-gurnalista kellha dritt tirrapporta x'kien qieghed ighid fil-pubbliku l-kelliem tal-Opposizzjoni dwar l-Ambjent.

14.3 Inoltre, hu fatt li kien qieghed isir xoghol fil-proprjeta' li fuqha kien hemm *enforcement notice*. Dan wara kollox kif xehedu Kurt Sansone u Jason Desira stess.

14.4 Ghal dak li jirrigwarda t-titlu *"Mepa commission 'broke law' on Dalli PN" law says bid for sanctions should have been refused"*, kemm mit-titlu u mill-artiklu tista' tasal ghall-konkluzjoni wahda li l-gurnalista kienet qeghda tirrapporta x'qal il-kelliem tal-Opposizzjoni dwar l-Ambjent. Hu evidenti wkoll li f'dan il-kaz it-target principali kienet il-Ministru Dalli, tant hu hekk li kien pubblikat ritratt taghha bil-caption *"Equal Opportunities Minister Helena Dalli"*.

15. Din il-qorti ma taqbel xejn mal-ewwel qorti li l-*farmhouse* fejn kien qieghed isir ix-xoghol kienet ta' Jason Desira. Il-fond sar proprjeta ta' Desira mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt fis-sena 2016, u zgur mhux fiz-zmien li kienu pubblikati l-artikli. Hu minnu li mill-bidunett l-attur gharraf lill-konvenuta li kien iffirma konvenju ghall-bejgh tal-fond. Fatt li gie rapportat mill-konvenuta. Kieku dak il-fatt thalla barra, wiehed seta' jaghmel konsiderazzjonijiet differenti. Jibqa' l-fatt li l-fond kien ghadu proprjeta ta' PADA Builders Limited, irrispettivament minn min inkariga l-haddiema sabiex jaghmlu x-xoghlijiet. Ghalhekk fil-konfront tal-Awtorita tal-Ippjanar dik il-kumpannija kellha wkoll responsabbilta' wkoll ghal dak li jsir fiha. Dan apparti li qabel il-pubblikazzjoni tal-ewwel artiklu ma rrizultax li l-attur gharraf lill-konvenuta li l-pussess tal-fond kien ghaddieh lit-terza persuna li ffirmat il-konvenju.

16. Fir-rigward ta' dak li qalet l-ewwel qorti dwar *'assi mohbija'*, ir-riferenza saret fil-konfront tal-Ministru Helena Dalli u mhux tal-attur. Ghalhekk zgur li l-attur ma setax ihossu malafamat bil-kelma *'hidden'*. Dan apparti li l-attur ma inkludiex dik il-parti tal-artiklu bhala parti mill-ilment tieghu.

17. L-attur jopera fl-industrija tal-bini u bhal hafna imprendituri jopera permezz ta' kumpannija. L-artiklu tat-23 ta' Novembru, 2014 jibda hekk, *"Minister Helen Dalli's claim that the assets she declared* ***'hidden' under companies*** *could easily be verified by the public turns out to be an expensive and arduous process"*. Wiehed irid jifhem il-kuntest li fih intuzat il-kelma *'hidden'*. Il-qorti fehmet li l-awtrici qalet *'hidden'* ghaliex fid-dikjarazzjoni tal-assi tal-Ministru tnizzel l-isem tal-kumpannija li fihom ghandha *shareholding* u l-persentagg ta' shareholding, u skont l-awtrici difficli biex issibhom ghar-ragunijiet li semmiet. Skont il-Kodici tal-Etika l-Membri tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati ghandhom l-obbligu li jiddikjaraw l-immobbli proprjeta taghhom, tal-konjugi u ta' wliedhom li jkunu taht l-eta'. M'ghandhomx obbligu jiddikjaraw l-immobbli ta' kumpannija li fiha ghandhom *shareholding*. Ghaldaqstant il-Ministru Dalli ma kellhiex obbligu li fid-dikjarazzjoni tal-assi tiddikjara l-fond taz-Zejtun jew kwalsiasi immobbli ohra proprjeta tal-kumpanniji li semmiet fid-dikjarazzjoni

tal-assi taghha. Ovvjament wiehed jista' jaghmel ricerki sabiex isir jaf x'immobbli huma proprjeta tal-kumpanniji li ssemmew fid-dikjarazzjoni tal-assi taghha, u l-ispiza tiddependi minn kemm dawk il-kumpanniji jkunu nnegozjaw f'immobbli. Ghalhekk ghalkemm l-awtrici qalet li r-ricerka *"... turns out to be expensive and arduous process..."*, m'huwiex bil-fors korrett. Madankollu b'daqshekk ma saret l-ebda malafama fil-konfront tal-attur gialadarba t-'target' kienet id-dikjarazzjoni tal-assi li ghamlet il-Ministru Dalli. Dikjarazzjoni li jirrizulta li kienet konformi ma' dak li jezigi l-Kodici tal-Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati.

18. L-ewwel qorti qalet ukoll li ma kienx hemm kontroversja dwar il-proprjeta, u l-kontroversja holqitha l-konvenuta bl-artikli li kitbet. Il-gurnalist ghandu l-obbligu li jinvestiga u jirrapporta dak li hu ta' interess pubbliku. Hi l-fehma ta' din il-qorti li jekk Ministru flimkien ma' zewgha ghandha 99% *shareholding* f'kumpannija li ghandha proprjeta li fiha sar zvilupp li dwaru hemm *enforcement notice*, hu ta' interess pubbliku jekk fil-proprjeta kien qieghed isir xoghol. Hu minnu li l-Ministru Dalli m'hijiex imprenditur u ma rrizultax li ghandha l-gestjoni ta' PADA Builders Limited. Madankollu jibqa' l-fatt li ghandha interess patrimonjali sostanzjali fil-kumpannija PADA Builders Limited, u ghaldaqstant m'hemm xejn irregolari li tkun soggetta ghall-skrutinju u kritika.

19. Fit-twegiba l-attur argumenta li l-messagg li nghata fl-artikli li kitbet il-konvenuta kienu li, *"l-esponenti kien qed jaqla' flejjes kbar bil-kumpanniji li kellu, u li dawn il-flejjes fil-kaz qalaghom ghaliex fil-proprjeta li kellu meritu tal-kawza,* ***kien qed jithalla jabbuza mill-MEPA ghaliex huwa jigi r-ragel tal-Hon Helena Dalli****"*. Il-qorti ma fehmitx hekk. L-artikli huma dwar xoghol li kien qieghed isir gewwa fond ta' PADA Builders Limited li qieghed f'Outside Development Zone u li fuqu kien hemm *enforcement notice* tal-Awtorita tal-Ippjanar minhabba zvilupp illegali, u f'liema kumpannija l-Ministru Dalli kellha ishma. Fl-ebda wiehed mill-erba' artikli meritu tal-kawza ma ntqal jew inghata x'jifhem li l-attur kien qieghed *"jabbuza mill-MEPA"*.

20. Hu fatt li l-attur mhuwiex attiv fil-hajja pubblika u ma jistax jinghad li hu *public figure*. Madankollu hu mizzewweg lill-persuna li tokkupa kariga ferm gholja fil-Gvern. Wiehed ghandu jiftakar li l-Ministru Dalli ddikjarat li flimkien ma' zewgha hi sid ta' 99% tal-ishma fil-kumpannija PADA Builders Limited. Fil-fatt fid-dikjarazzjoni tal-assi hemm spjegat, *"L-ishma f'dawn il-kumpanniji mhux irregistrati f'ismi izda qeghdin jigu iddikjarati ghaliex huma parti mill-komunjoni tal-akkwisti hekk kif indikat fil-Manwal ta' Proceduri mehmuz mal-Kodici ta' Etika ghall-Ministri u Segretarji Parlamentari"*. *Shareholding* ta' 99% ifisser li l-attur u l-Ministru Dalli ghandhom il-kontroll assolut tal-kumpannija u b'dawk il-kwantita ta' ishma jista' jinghad li huma the *ultimate beneficial owners* tal-gid tal-kumpannija. F'dan il-kaz it-*target* ma kienx l-attur izda martu. Li kieku l-attur ma kienx mizzewweg lill-Ministru Dalli ma kienx ikun hemm *news value* fl-ahbar. Fatt li l-attur stess irrikonoxxa meta kellmitu l-konvenuta. Ghalhekk hemm l-interess tal-pubbliku fir-rigward tax-xoghol li

kien qieghed isir fil-fond li kien proprjeta tal-kumpannija PADA Builders Limited, li ssemmiet fid-dikjarazzjoni tal-assi tal-Ministru.

21. L-ewwel qorti qalet li l-konvenuta kellha l-intenzjoni li thammeg ir-reputazzjoni tal-attur u taghmillu hsara, *"... tant illi fl-24 ta' Frar 2015 il-MEPA cahdet il-permess 'to sanction alterations and extension of existing farmhouses' u kien akkordat biss wara illi r-rikorrent appella minn tali decizjoni, fejn inter alia qal .....".* Fil-fehma tal-qorti din mhi xejn ghajr pura spekulazzjoni tal-attur li sfortunatment u ingustament l-ewwel qorti *took on board*. M'hemmx prova wahda li setghet twassal lill-ewwel qorti li l-Awtorita tal-Ippjanar cahdet l-applikazzjoni sabiex l-attur jirregolarizza l-illegalitajiet li kellu fil-fond, minhabba l-artikli oggett tal-kawza. Hu minnu li fl-appell li l-attur ippropona quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, argumenta li l-Awtorita kienet ikkundizzjonat ruhha mill-pressjoni tal-media. Allegazzjoni li baqghet fl-ajru u li t-Tribunal stess skarta fid-decizjoni tal-25 ta' Frar, 2016 (ara pagna 10 tad-decizjoni).

22. Fl-ahharnett il-qorti taccenna ghas-sens ta' maturita politika li f'dan il-kaz uriet il-Ministru Dalli li ma gietx tigri thabbat il-bieb tal-qorti u anzi accettat il-kritika kollha li saret fil-konfront taghha. Ezempju klassiku fejn il-ligi tal-libell ma ntuzatx minn persuna pubblika bhala arma politika kontra l-liberta tal-espressjoni, u jservi ta' ezempju.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell thassar is-sentenza tal-ewwel qorti tal-5 ta' Lulju 2018, tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta u tichad it-talba tal-attur bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.**

Anthony Ellul.